A.L. 253 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għad-Diploma in Operational Island Hydrology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għad-Diploma in Operational Island Hydrology.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Inġinerija;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Operational Island Hydrology; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għad-Diploma in Operational Island Hydrology.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Eliġibilita' għad-Diploma

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors skond il-provvedimenti tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) itemmu b'suċċess l-kors ta' studji, li għalih huma assenjati 25 kredtu, inklużi dawk għall-Ħidma fuq il-Post u għall-Esej Twil/Proġett, jgħaddu mill-Eżami Finali u jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti fi statuti, f'regolamenti u f'ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

4. L-applikanti għandhom jirreġistraw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħha fi studju fuq bażi *part-time.* F'ċirkostanzi speċjali, il-Bord jista' jħalli studenti jtemmu l-Kors f'mhux aktar minn tliet snin ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Kors ta' Studji

6. Il-kors ta' studji huwa magħmul minn:

(a) taqsimiet studju, li għalihom total ta' 19-il kredtu huma assenjati, maqsuma fil-kategoriji li ġejjin:

L-Ewwel Parti: Il-Bażi
It-Tieni Parti: L-Intermedja
It-Tielet Parti: Il-Finali

(b) Ħidma fuq il-Post (4 kredti); u

(ċ) Esej Twil/Proġett (2 kredti).

(2) Katalgu ta' taqsimiet studju, li jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, xi taqsimiet studju li għandhom jittieħdu qabel oħrajn u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. It-taqsimiet studju jistgħu jinkludu konferenzi, seminars, sessjonijiet prattiċi fil-laboratorju, ħargiet fuq il-post jew taħlita ta' aktar minn waħda minn dawn, kif indikat fil-katalgu.

Il-Valutazzjoni u l-Eżamijiet

7. (1) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol mhux komplut għall-raġunijiet ġustifikati (mard, nuqqas ta' attendenza approvata, eċċ) ikunu ndikati bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha, ir-riżultati ta' taqsimiet studju mhux mitmuma jkun indikat bħala F.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju jitħallew jerġgħu jissottomettu l-assenjament/i tagħhom, jew jerġgħu joqogħdu għat-test darba fis-sessjoni ta' l-eżamijiet li jmiss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jistgħu jingħataw huwa l-grad D.

(3) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni mill-ġdid ikunu meħtieġa jieqfu mill-Kors.

Il-Ħidma fuq il-Post

8. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jaħdmu fuq il-post taħt superviżjoni kif determinat mill-Bord ta' l-Istudji. Matul dan il-perijodu, l-istudenti huma mħeġġa japplikaw it-teorija għall-prattika.

(2) Il-Bord ta' l-Istudji, wara li jqis ir-rapporti tal-kapijiet tas-sezzjonijiet fejn l-istudenti ħadmu u tas-superviżuri, għandu jevalwa l-Ħidma fuq il-Post fuq bażi ta' Għadda/Weħel. L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jattendu għal intervista. L-istudenti li jeħlu mill-Ħidma fuq il-Post ikunu meħtieġa jieqfu mill-Kors.

L-Esej Twil/Proġett

9. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu Esej Twil ta' mhux anqas minn 8000 kelma u mhux aktar minn 10,000 kelma, jew Proġett meqjus ta' livell akkademiku ekwivalenti mill-Bord ta' l-Istudji, sad-data stabbilita mill-Bord ta' l-Istudji.

(2) Il-proposta għall-Esej Twil/Proġett għandha tkun sottomessa għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara li l-istudenti jkunu mgħarrfa li temmew il-Ħidma fuq il-Post b'suċċess.

(3) L-istudenti li jeħlu fl-Esej Twil/Proġett għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettuh darba fi żmien sitt xhur.

L-Attendenza

10. L-attendenza regolari għall-komponenti kollha tal-Kors hija obbligatorja. Fil-każ ta' nuqqas ta' attendenza għal raġuni li l-Bord ta' l-Istudji jqis valida, huwa jista' jħalli lill-istudenti jkomplu l-Kors, sakemm isiru arranġamenti alternattivi biex jagħmlu tajjeb għall-konferenzi li ntilfu jew għall-Ħidma fuq il-Post li ma saritx.